

Brussell, 12 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

8295/21

CDR 45

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta' ...**

**li taħtar membru u membru supplenti,  
proposti mir-Repubblika Taljana,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Taljan,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102<sup>1</sup>, biex ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Simonetta SALIERA b'riżultat tat-tmiem tal-mandat elettorali tagħha f'awtorità reġjonali, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sa Loredana CAPONE, rappreżentanta ta' korp reġjonali b'mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Puglia*), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

- (5) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Alessandro PIANA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Gianmarco MEDUSEI, rappreżentant ta' korp reġjonali b'mandat elettorali ta' awtorità reġjonali (*Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Liguria*), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sa Loredana CAPONE, *Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Puglia,*

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sur Gianmarco MEDUSEI, *Presidente del Consiglio regionale e Consigliere regionale della Liguria.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---